**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A30-14

09 ta' Lulju 2014

## Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/30

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-Tlieta **15 ta' Lulju 2014 fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Affarijiet Oħra
6. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

15 ta' Lulju 2014

Seduta Nru: 29 - KUNSILL LOKALI GŻIRA

Minuti tal-laqgħa li saret l-Erbgħa 4 ta' Ġunju 2014 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

Is-Sinjuri:

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, J.M. Muscat u Victor Rutter flimkien ma' l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attenda għal parti mill-laqgħa l-Perit tal-Kunsill – Joe Bugeja.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit- 28 ta' Mejju 2014

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-Seduta Numru 28 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

Minħabba li kien wasal il-Perit tal-Kunsill, Joe Bugeja, ċ-*Chairman* talab sospenzjoni ta' l-Agenda sabiex tiġi diskussa item nru: 5 ta' l-Agenda.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

## 5. Diskussjoni dwar *GLCT002/2013 – Tender For Pavements & Kerbs*

**5.1** Iċ-*Chairman* staqsa lill-Perit jekk kienx ikkuntattja lill-kuntrattur konċernat dwar x-xogħlijiet li għandhom isiru fit-toroq Belvedere u Ganni Bencini minħabba li ma kienux konformi skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-K.N.D.P.

Il-Perit wieġeb li kien kellem lill-Perit Lucienne Stafrace tal-MEPA u kien ppropona li partikolarment fi Triq Belvedere, flok jitwessgħu ż-żewġ naħat tal-bankini, issir naħa waħda biss u dan minħabba l-fatt li fl-opinjoni tiegħu, jekk isiru ż-żewġ naħat tonqos il-wesgħa tal-karreġġata.

Iċ-*Chairman* qal li l-Kunsill kien iħossu ddiżappuntat minħabba l-fatt li jekk dawn x-xogħlijiet ma jsirux, il-Kunsill jitlef il-fondi li applika għalihom mill-U.I.F. u għalhekk xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-lokalita' ma jkunux jistgħu jsiru minħabba problema ta' finanzi. Huwa kompla jgħid li peress li n-nefqa ta' dawn it-tlett toroq ma eċċeditx l-ammont approvat mill-*U.I.F.* l-MEPA kienet qed tagħmel eċċezzjoni għar-regola billi x-xogħlijiet tat-tranġar jitħallu mill-bilanċ approvat.

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż li dawn x-xogħlijiet għandhom isiru skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-K.N.D.P. u l-Perit għandu jieħu d-dokumenti meħtieġa l-MEPA u jikkomunika mal-Perit Lucienne Stafrace biex tittieħed azzjoni mmedjata u x-xogħol jinbeda mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsill għandu jinforma lir-residenti li dawn ix-xogħlijiet kienu qed isiru minħabba regolamenti tal-K.N.D.P.

## 2. Materji Konnessi

**2.1** Paġna nru: 3 para 5.1 – *Live Streaming* – Il-Kunsill ġie nfurmat li saru l-kuntatti meħtieġa mad-Dipartiment u l-kumpanija *AID Ltd* biex jiġu segwiti x-xogħlijiet.

## 3. Korrispondenza

Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sa l-4 ta' Ġunju 2014 kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom:

**3.1** L-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali infurmat li kien inħareġ l-permess biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment *Bella Sicilia* – 134 Triq ix-Xatt mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

**3.2** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ammont tal- *U.I.F. funds* kien €475,449.77

**3.3** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St John biex jiġu ppubblikati żewġ avviżi lir-residenti fil-fuljetti tal-festa tal-Knisja u ta' l-Għaqda Mużikali Mount Carmel Gżira.

**3.4** Il-Kunsill ġie nfurmat li skont il-*policy* tat-*Transport Malta* l-entita kummerċjali *X-Zone* mhix eliġibbli għall-*un/loading bay.*

**3.5** Inqara l-*Public Playground Inspection Report* li ntbagħat minn *NB Engineering Services Ltd.* Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dan ir-rapport jintbagħat lis-Sur Daniel Schembri rappreżentant tad-ditta *M.Quip* sabiex ssir stima għat-tiswijiet li hemm speċifikati fir-rapport.

**3.6** Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment dwar Skema ta' Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta ta' Librerija Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ser jingħata l-ammont ta' €600 f'għajnuna għall-Librerija Lokali. Dan il-*commitment* qed isir suġġett li fost affarijiet oħra

- mas-somma mogħtija mid-Dipartiment, il-Kunsill Lokali jrid joħroġ somma ekwivalenti.
- din l-iskema tipprovdi li dan l-infieq irid isir kollu f'kotba.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joseph M. Muscat għan-nefqa ta' €600 f'kotba.

**3.7** Rigward *motor claim* mibgħuta mid-ditta *firstunited* dwar ħsarat li ġarrab is-Sur Victor Bezzina fil-vettura tiegħu fi Triq ix-Xatt.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li din il-korrispondenza għandha tintbagħat lill-Avukat tal-Kunsill Dott Edward Woods.

**3.8** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni għall-*Life Long Learning* ġiet milqugħa u kienet ser tkun bla ħlas għall-Kunsill.

**3.9** Tressqet *draft e-mail* biex tintbagħat lit-*Transport Malta* dwar *re-surfacing* urġenti ta' Triq Reggie Miller u dan minħabba l-fatt li l-Awtorita' sopracitata hi responsabbli biss mill-kostruzzjoni u manutenzjoni ta' toroq arterjali, *distributor road network* u meta jiġu asfaltati l-ewwel darba toroq residenzjali.

Iċ-*Chairman* qal li l-wiċċ ta' Triq Reggie Miller għandu aktar minn 60% ħsarat u l-finanzi tal-Kunsill ma jippermettux għal dawn il-ħsarat.

Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li t-tali korrispondenza tintbagħat lit-*Transport Malta*.

**3.10** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-MEPA kienet ħarġet il-permessi sabiex ssir *demolition* tas-sit Nru: 66 *United Garage Ltd*, Triq ir-Rebħa/Triq il-Gżira u jsir żvilupp ta' kumpless li jinkludi spazji kummerċjali u faċilitajiet ta' parkeġġ.

**3.11** Il-Kunsill qabel unanimament li tibda ssir darba fil-ġimgħa lezzjoni ta' Yoga durata 75 minuta mingħajar ħlas mis-Sinjura Fiona Dalton.

**3.12** Il-Kunsill ġie nfurmat li kien wasal il-*quarterly report* mid-ditta *GreenPak*, kopja ta' liema kienet disponibbli.

**3.13** Ġiet ppreżentata korrispondenza flimkien ma' pjanti (*option 1*) u (*option 2*) rigward installazzjoni ta' *Tower Crane* fi Triq Carlo Manche' dwar xogħol ta' kostruzzjoni li ser jibda f'Settembru 2014.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel ma' *option 1*.

**3.14** Ġiet ppreżentata r-risposta għall-*Management Letter*. Wara diskussjoni qasira din ġiet approvata unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**3.15** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-ħlasijiet Klg6/28 minn numru 1209 sa 1266 (*appendix* nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopraċitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter.

## 6. Tindif ta' toroq fil-lokalita'

**6.1** Iċ-*Chairman* qal li kemm mill-kuntatti li kien qed ikollu mal-kuntrattur tal-knis fit-toroq kif ukoll mir-rapporti tal-Kunsillier Joe Camilleri, ix-xogħol kien qed isir tajjeb pero' jibqa' l-fatt li speċjalment nhar ta' Tlieta, li hi l-ġurnata ta' riċiklaġġ, f'diversi toroq tal-lokalita' jiġu depożistati bosta boroż suwed partikularment ix-Xatt.

Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li minħabba l-fatt li l-Kunsill iħoss li għandha tiżdied ġurnata għall-ġbir ta' l-iskart domestiku dan ser jibda jsir fuq sitt ijiem jiġifieri anke nhar ta' Tlieta. Il-Kunsill għandu jgħarraf lill-kuntrattur b'din id-deċiżjoni.

## 7. Affarijiet Oħra

**7.1** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li għandhom jinħarġu l-kwotazzjonijiet għal erba' *mobile Toilets*, tnejn jiġu nstallati fuq il-*promenade* tax-Xatt u tnejn fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa.

**7.2** Il-Kunsill qabel unanimament li l-funtana li hemm fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa għandha tibqa' mingħajr ilma u dan minħabba l-fatt li kien qed isir ħafna vandaliżmu fiha.

**7.3** Il-Kunsill qabel unanimament li matul ix-xhur tas-Sajf ser jibda *basic art course* tlett darbiet fil-ġimgħa mis-Sinjura Vivienne Scicluna għat-tfal bejn 6 – 7 – 8 snin fis-sala tas-*Savoy Gardens*.

**7.4** Il-Kunsillier Charles Micallef St John xtaq li l-Kunsill jikteb lit-*Transport Malta* biex jibgħatulna lista bl-indirizzi ta' kemm għandna *Reserved Parkings* u *un/loading bays* fil-lokalita.

**7.5** Iċ-*Chairman* qal li kellu diversi lmenti minn residenti ta' Triq Stuart minħabba l-kwantita ta' ilma li jinżel meta tagħmel ix-xita naħa ta' Triq Stuart k/ma Triq Cameron.

Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li nikkuntattjaw lill-Perit tal-Kunsill sabiex jara tistax issir *shoulder* biex jiġi evitat l-ilma.

**7.6** Ġie deċiż unanimament li matul il-ġimgħa tal-festa ssir attivita' fis-Sala tal-Komunita' tal-Kunsill sabiex jitqassmu l-*mementos* ta' Jum il-Gżira lill-parteċipanti.

**7.7** Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom jintbagħtu kwotazzjonijiet għat-tindif tal-*culverts*.

## 8. Laqgħa Oħra

**8.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **KLG6/30**

# Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/30 - 18.08.2014 **Data:** 16.07.2014 - 18.08.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Kop. Tabelli u Sinjali | € 365.70 | € 365.70 | | T | Job No: 10270 - Traffic Signs | 07.07.2014 | 19611 | 1337 | | | 9084 |
| 2 | Kop. Tabelli u Sinjali | € 163.52 | € 163.52 | | T | Job No: 13240 - Road Markings | 27.06.2014 | 19624 | 1338 | | | 9083 |
| 3 | Kop. Tabelli u Sinjali | € 104.66 | € 104.66 | | T | Job No: 13241- Road Markings | 27.06.2014 | 19625 | 1339 | | | 9082 |
| 4 | Kop. Tabelli u Sinjali | € 84.95 | € 84.95 | | T | Job No: 13248 - Road Markings | 07.07.2014 | 19629 | 1340 | | | 9081 |
| 5 | Kop. Tabelli u Sinjali | € 330.27 | € 330.27 | | T | Job No: 10285 - Traffic Signs | 15.07.2014 | 19706 | 1341 | | | 9080 |
| 6 | Maltapost plc | € 50.00 | € 50.00 | | D | Postage Stamps Adm Office | 08.07.2014 | | 1342 | | | 8980 |
| 7 | GO plc | € 47.60 | € 47.60 | | D | Tel 21322157 - Calls June Rent July 2014 | 09.07.2014 | 38709414 | 1343 | | | 8986 |
| 8 | GO plc | € 33.71 | € 33.71 | | D | 21334254/341034 Calls June Rent July 2014 | 09.07.2014 | 38708978 | 1344 | | | 8984 |
| 9 | GO plc | € 21.20 | € 21.20 | | D | Tel 21341616 Calls June Rent July 2014 | 09.07.2014 | 38708982 | 1345 | | | 8985 |
| 10 | SRF Cleaning Services | € 378.52 | € 378.52 | | T | Street Sweeing Sundays - June 2014 | 14.07.2014 | 14/3328 | 1346 | | | 9079 |
| 11 | SRF Cleaning Services | € 4,588.85 | € 4,588.85 | | T | S/Sweeping G/Cutting June 2014 | 14.07.2014 | 14/3329 | 1347 | | | 9078 |
| 12 | Kop. Tabelli u Sinjali | € 647.90 | € 647.90 | | T | D/N 3443 - Road Marking Paint | 21.07.2014 | 19684 | 1348 | | | 9077 |
| 13 | Alberta Ltd | € 41.30 | € 41.30 | | D | Call out & Service Report | 11.07.2014 | 30125477 | 1349 | | | 9076 |
| 14 | Stardelta ironmonger | € 40.02 | € 40.02 | | D | Maint playing field - Ġnien | 21.07.2014 | 10813528 | 1350 | | | 9075 |
| 15 | Image Systems Ltd | € 83.51 | € 83.51 | | Q | Rentals & Copies 31/0514-30/06/14 p/copier office | 30.06.2014 | rent/090721 | 1351 | | | 9074 |
| 16 | Image Systems Ltd | € 146.98 | € 146.98 | | Q | Rentals & Copies 31/0514-30/06/14 p/copier office | 30.06.2014 | rent/090722 | 1351 | | | 9074 |
| 17 | EcoPure Ltd | € 17.00 | € 17.00 | | D | Cons. Adm Office | 23.07.2014 | 579478 | 1352 | | | 9072 |
| 18 | EcoPure Ltd | € 12.74 | € 12.74 | | D | Cons. Adm Office | 12.08.2014 | 581371 | 1352 | | | 9072 |
| 19 | D.O.I. | € 9.32 | € 9.32 | | D | Gov Gazz GLCT003/2014 P/Kerbs | 23.07.2014 | | 1353 | | | 9033 |
| 20 | Melita plc | € 262.01 | € 262.01 | | D | Internet 08.07.14-07.08.14 Usage 09.06.14-07.07.14 | 08.07.2014 | 100003884 | 1354 | | | 9035 |
| | Sub Total c/f | € 7,429.76 | € 7,429.76 | | | | | | | | | |
| | Total | € 7,429.76 | € 7,429.76 | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Il-Gzira

Skeda Nru: klg6/30

# Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/30 - 18.08.2014

**Data:** 16.07.2014 - 18.08.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Ms Nathalie Camilleri | € 273.25 | € 273.25 | Q | Librarian Services July 2014 | 31.07.2014 | 012 | 1355 | | | 9036 |
| 22 | Ms Alexandra Galea | € 375.00 | € 375.00 | Q | Crafts Lessons - July 2014 | 31.07.2014 | 57 | 1356 | | | 9034 |
| 23 | Wise Owl Publications | € 177.08 | € 177.08 | D | Books for Public Library | 05.07.2014 | 440C | 1357 | | | 9071 |
| 24 | BDL Ltd | € 241.11 | € 241.11 | D | Books for Public Library | 05.07.2014 | 233576 | 1358 | | | 9070 |
| 25 | DOM COMM Ltd | € 70.00 | € 70.00 | D | Books for Public Library | 25.07.2014 | 250714 | 1359 | | | 9069 |
| 26 | Env. L/Scapes Cons. Ltd | € 2,214.29 | € 2,214.29 | T | Maint Soft Areas - July 2014 | 31.07.2014 | 10889 | 1360 | | | 9068 |
| 27 | Mifsud Squire Bookshop | € 85.02 | € 85.02 | D | Newspapers - July 2014 | 03.08.2014 | 304 | 1361 | | | 9067 |
| 28 | Longbow Ltd | € 151.04 | € 151.04 | D | Degradable Litter Bags - the Strand | 06.08.2014 | 140679 | 1362 | | | 9066 |
| 29 | J&K Contractors Ltd | € 352.88 | € 352.88 | T | Maint Works | 14.02.2014 | 1399-14 | 1363 | | | 9065 |
| 30 | G4S Security Serv Ltd | € 159.30 | € 159.30 | Q | Cash In Transit - July 2014 | 31.07.2014 | GS010405 | 1364 | | | 9064 |
| 31 | SRF Cleaning Services | € 123.90 | € 123.90 | T | Washing of Gazebos - June 2014 | 05.08.2014 | 14/3365 | 1365 | | | 9063 |
| 32 | SRF Cleaning Services | € 128.57 | € 128.57 | T | Extra Serv & Bins for Feast 13.07.2014 | 05.08.2014 | 14/3364 | 1366 | | | 9062 |
| 33 | SRF Cleaning Services | € 4,588.85 | € 4,588.85 | T | S/Sweeping G/Cutting - July 2014 | 05.08.2014 | 14/3363 | 1367 | | | 9061 |
| 34 | SRF Cleaning Services | € 378.52 | € 378.52 | T | Street Sweeping Sundays - July 2014 | 05.08.2014 | 14/3362 | 1368 | | | 9060 |
| 35 | David Grasso | € 475.00 | € 475.00 | D | Summer Music Nights-10-17-24-31 July-7 Aug 2014 | 08.08.2014 | | 1369 | | | 9059 |
| 36 | Klikk Comp Store | € 6,182.49 | € 6,182.49 | D | Microsoft office/windows - tower | 12.08.2014 | In10974 | 1370 | | | 9058 |
| 37 | WasteServ Malta Ltd | € 4,985.26 | € 3,470.42 | D | MSW Waste - June 2014 | 15.08.2014 | 050938-050613 | | | | 9057 |
| 38 | WasteServ Malta Ltd | | | | | | 050490 | 1371 | | | 9057 |
| 39 | Squire Book Shop | € 45.10 | € 45.10 | D | Stationery | 31.07.2014 | 9664 | 1372 | | | 9056 |
| 40 | Twilight Sound System | € 1,109.00 | € 1,109.00 | D | Professional Lighting - Attivita' 29.08.2014 | 12.08.2014 | | 1373 | Pending | | |
| | Sub Total c/f | € 22,115.66 | € 20,600.82 | | | | | | | | |
| | Sub Total b/f | € 7,429.76 | € 7,429.76 | | | | | | | | |
| | Total | € 29,545.42 | € 28,030.58 | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Il-Gzira

Skeda Nru: KLG6/30

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/30 - 18.08.2014

**Data:** 16.07.2014 - 18.08.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Stageit | € 454.30 | € 454.30 | | D | Hire of generator - attivita 29.08.2014 | | | 1374 | Pending | | |
| 42 | EM Cleaning Services | € 5,590.50 | € 5,590.50 | | T | Door to Door Collection - July 2014 | 31.07.2014 | 132 | 1375 | | | 9055 |
| 43 | EM Cleaning Services | € 836.06 | € 836.06 | | T | Public Convenience - July 2014 | 31.07.2014 | 133 | 1376 | | | 9054 |
| 44 | EM Cleaning Services | € 432.87 | € 432.87 | | T | Hire of Skips - July 2014 | 31.07.2014 | 134 | 1377 | | | 9053 |
| 45 | EM Cleaning Services | € 1,207.44 | € 1,207.44 | | T | Bulky Service - June 2014 -266 calls | 31.07.2014 | 135 | 1378 | | | 9052 |
| 46 | GO plc | € 34.74 | € 34.74 | | D | 21334254/341034 Calls July Rent Aug 2014 | 08.08.2014 | 39158733 | 1379 | | | 9049 |
| 47 | GO plc | € 21.33 | € 21.33 | | D | 21341616 Calls July Rent August 2014 | 08.08.2014 | 39158737 | 1380 | | | 9050 |
| 48 | GO plc | € 48.13 | € 48.13 | | D | 21322157 Calls July Rent August 2014 | 08.08.2014 | 39159185 | 1381 | | | 9051 |
| 49 | Gzira Local Council | | | | | Honoraria & Wages | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| Sub Total c/f | € 8,625.37 | € 8,625.37 |
| Sub Total b/f | € 29,545.42 | € 28,030.58 |
| Total | € 38,170.79 | € 36,655.95 |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Il-Gzira

Skeda Nru: KLG6/30

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/29 - 15.07.2014 **Data:** 05.06.2014 - 15.07.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Gov. Property Dept. | € 232.94 | € 232.94 | D | Devolution Ġnien 08.03.14 - 07.03.15 | 03.03.2014 | 1259627 | 1326 | | | |
| 62 | WasteServ Malta Ltd | € 4,864.90 | € 3,470.42 | D | MSW Waste January 2014 | 26.03.2014 | 047699 | 1327 | | | |
| 63 | WasteServ Malta Ltd | € 4,448.60 | € 3,470.42 | D | MSW Waste February 2014 | 26.03.2014 | 047699 | 1327 | | | |
| 64 | WasteServ Malta Ltd | €2,104.18 { | | D | MSW Waste March 2014 | 26.03.2014 | 047699 | 1327 | | | |
| 65 | WasteServ Malta Ltd | €2,617.27 } | € 3,470.42 | D | MSW Waste March 2014 | 15.04.2014 | 048883 | 1327 | | | |
| 66 | WasteServ Malta Ltd | €4639.78 } | | | MSW Waste April 2014 | 01.05.2014 | 049563 | 1328 | | | |
| 67 | WasteServ Malta Ltd | €205.79 } | € 3,470.42 | D | MSW Waste April 2014 | 01.05.2014 | 049413 | 1328 | | | |
| 68 | WasteServ Malta Ltd | €581.04 } | | | MSW Waste May 2014 | 05.05.2014 | 049812 | 1329 | | | |
| 69 | WasteServ Malta Ltd | €4,622.28 } | € 3,470.42 | D | MSW Waste May 2014 | 16.06.2014 | 050295 | 1329 | | | |
| 70 | EM Cleaning Services | € 432.87 | € 432.87 | T | Hire of Skips - May 2014 | 31.05.2014 | 129 | 1330 | | | |
| 71 | EM Cleaning Services | € 432.87 | € 432.87 | T | Hire of Skips - June 2014 | 30.06.2014 | 130 | 1331 | | | |
| 72 | EM Cleaning Services | € 120.00 | € 120.00 | T | Extra Service Sunday 13.07.2014 | 13.07.2014 | 131 | 1332 | | | |
| 73 | AID Ltd | € 804.25 | € 804.25 | Q | Maint Agreement - 1 yr online streaming | 01.07.2014 | 11 | 1333 | | | |
| 74 | AID Ltd | € 2,108.10 | € 2,108.10 | Q | Supply & Installation online streaming | 01.07.2014 | 12 | 1334 | | | |
| 75 | A.Zammit Hardware Store | € 36.35 | € 36.35 | D | Maint Locality | 03.07.2014 | 11324529 | 1335 | | | |
| 76 | Ms V. Scicluna | € 50.00 | € 50.00 | D | attivita' 07.07.2014 | 07.07.2014 | | 1336 | | | |
| 77 | Gżira Local Council | | | | Honoraria | | | | | | |
| 78 | Gżira Local Council | | | | Wages, June Bonus & Allowances | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| Sub Total c/f | € 13,530.88 | € 21,569.48 |
| Sub Total b/f | € 38,170.79 | € 36,655.95 |
| Total | € 51,701.67 | € 58,225.43 |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier